**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Fl-atti tal-ittra ufficjali b'kambjali numru 2259/2010**

**Rikors numru: 261/2016 CFF**

**United Acceptances Finance Limited**
**Vs**
**Ruben Galea**

**Illum 20 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Patricia Hili debitament awtorizzata minn United Acceptances Finance Limited fejn ikkonfermat:

Illi permezz tal-ittra ufficjali numru 2259/2010, is-socjeta' rikorrenti rendiet esegwibbli l-kambjali ammontanti ghal €7,052.00 (sebat elef u tnejn u hamsin Ewro) annessi mal-istess ittra ufficjali ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minkejja dan, l-intimati baqghu inadempjenti u l-kambjali annessi mal-imsemmija ittra ufficjali ghadhom ma thallsux;

Illi ghaddew iktar minn hames snin minn meta dawn il-kambjali gew rezi esegwibbli skont il-ligi u ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti ma tistax tipprocedi minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi ghal finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' rikorrenti tiddikjara li l-ammont ta' €7,052.00 (sebat elef u tnejn u hamsin Ewro), flimkien mal-imghaxijiet u spejjez relattivi skont il-ligi ghadhom dovuti stante li ma sar ebda pagament relattiv ghall-kambjali hemm indikati;

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-premess, is-socjeta' esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat **ir-risposta ta' Ruben Galea** li eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita' tar-rikors odjern stante li ma huwiex debitament mahluf u stante li hadd da parti tas-socjeta' rikorrenti ma kkonferma x-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut skond ma jiddisponi l-Artikolu 258 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Artikolu li tahtu saret din l-azzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikolu 258(c) ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jrendix lil din l-Onorabbli Qorti bhala semplici timbru li ma ghandhiex ghazla ghajr li tilqa' talba bhal dik tas-socjeta' rikorrenti izda zgur li din l-Onorabbli Qorti ghandha tissindika r-ragunijiet l'ghalfejn is-socjeta' rikorrenti ma ghamlet xejn sabiex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li tghid li ghandha;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ghandha ggib il-prova li l-bilanc allegatament dovut ghadu dovut u li ma thallas xejn da parti tal-esponenti.

Pat Hili telghet tixhed fid-9 ta' Jannar, 2018 tikkonferma li l-ammont ta' €7052 ghadu kollu dovut.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Hawnhekk s-socjeta' rikorrenti qed taghmel it-talba taghha a bazi ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra s-segwenti:

*"Wara -*
*(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*
*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil- ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Fil-kawza, HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli et, Rik. Nru. 2694/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' April 2002, il-Qorti qalet hekk,

*"<u>l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment ta' l-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza ta' l-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti</u>[1]. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh. Illi f'dawn il-proceduri ma hemm l-ebda dubju li dan ir-rikorrenti rnexxielu jaghmlu, peress li hemm l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv skond l-Artikolu 253(b) tal-Kap.16 [recte: Kap.12] konsistenti fil-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Novembru 1987 pubblikat min-Nutar Carmelo Mangion fejn l-istess intimat irrikonoxxa ruhu bhala veru cert u likwidu debitur verso s-socjetà attrici fl-ammont ta' Lm44,513.93,3 skond l-artikolu sitta (b) ta' l-istess kuntratt u l-imghax li kellu jiddekorri fuq l-istess ammont kien dak massimu permissibbli skond il-ligi, ikkalkolat skond 'recognised banking practice" u b'effett mill-21 ta' Settembru 1981; hemm ukoll l-ezistenza ta' littra ufficjali datata 21 ta' Frar 1992 li rrendiet ezekuttiv listess kuntratt pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 256(2) u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-awtorizzazzjoni rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12*

[1] Emfazi ta' din il-Qorti

*ghandha tigi milqugha, anke ghaliex ma hemmx dubju li parti mill-istess kreditu jew somma kapitali ghadha dovuta kif jidher mir-rikors guramentat mill-P.L. Adrian Borg ghan-nom ta' l-istess rikorrenti prezentat fl-14 ta' Dicembru 1999."*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li Pat Hili ikkonfermat ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti li l-intimat ghadu dovut is-somma kollha ta' sebat elef tnejn u hamsin Ewro (€7052). Min-naha tieghu l-intimat ma rnexxielux jipprova li huwa hallas dan l-ammont jew li parti minnu huwa mhallas u m'ghadux dovut. Il-Qorti tikkonferma li a fol 3 tal-process hemm l-ittra ufficcjali li rrendiet il-kambjali annessi (a fol 4 u 5 tal-process) bhala ezekuttivi u ghalhekk jezisiti titolu ezekuttiv li din il-Qorti m'ghandha l-ebda triq ohra ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li terga' tirriattiva.

**Decide:**

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti United Acceptances Finance Limited (C360) u tawtorizza l-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**